DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/539

tal-1 ta' April 2019

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 ([1]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.

(2) Fit-28 ta' Settembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1465 ([2]).

(3) Fid-dawl tal-instabbiltà kontinwa u l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Libja, il-Kunsill iddeċieda li l-miżuri restrittivi fil-konfront ta' tliet persuni jenħtieġ li jiġu estiżi għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur.

(4) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 8(2) għandhom japplikaw fir-rigward tal-entrati 14, 15 u 16 fl-Anness II sat-2 ta' Ottubru 2019.

4. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 9(2) għandhom japplikaw fir-rigward tal-entrati 19, 20 u 21 fl-Anness IV sat-2 ta' Ottubru 2019.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li thassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1465 tat-28 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 245, 1.10.2018, p. 16).